# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sbatax (17) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2014 fis-6:05pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru sittax (16) kienu meħuda bħala moqrija, kienu approvati b'mod unanimu u ffirmati wara li sarulhom il-korrezzjonijiet kollha kif jidhru fuq il-kopja oriġinali.

**Punti mill-Minuti:**

3. Dwar il-proġett tal-Ġnien tal-Mentna, ingħatajna appuntament sabiex nhar il-Ħamis, 9 ta' Jannar, 2014 niltaqgħu fit-8:00am f'dan l-uffiċċju sabiex flimkien mal-Perit Anthony Bezzina u l-kuntrattur *Schembri Barbros*, naraw x'inhuma id-diffikultajiet li hemm biex dan il-ġnien jitħaddem. Hawn is-sindku qal li l-Perit Bezzina ikkonferma li hemm diversi lampi fil-ħamrija filwaqt li l-*wire* għaddej minn ġol-*conduit.* Il-kunsillieri qablu li għal din il-laqgħa jkun hemm preżenti is-Sur Godfrey Baldacchino, il-ħaddiem tal-*Community Works Scheme* imħaddma mill-KLM li hu jħaddem kemm il-funtana kif ukoll id-dwal tal-proġett.

4. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett, is-sindku qal li din hija mistennija li tkun f'idejna f'Marzu, qabel l-Għid il-Kbir, filwaqt li ħeġġeġ għal darb'oħra sabiex il-kunsillieri jżommu mad-*deadline* tas-sottomissjoni tal-artikli tagħhom.

5. Bħala xogħol futur għall-ħaddiema manwali tal-KLM, is-sindku qal li l-materjal tal-kantina tal-Isptar il-Qadim, hu mistenni li jibda jitneħħa l-ġimgħa d-dieħla.

6. B'riferenza għall-*iscarifying material* li hemm bżonn jintefa' fi Triq George Martin, is-sindku qal li se navviċinaw kemm lill-*Asfaltar Ltd* kif ukoll lil *Elle's Construction* sabiex nippruvaw insibu materjal idejali biex nibnu /nwittu din il-mogħdija li għadha mingħajr qatran.

7. Biex nibdew nimplimentaw il-proġett tal-bandli **f'Misraħ il-Fidwa,** is-sindku qal li nqalgħu il-*merry go round* u l-bandli tal-kbar, minkejja li għad jonqos il-qlugħ tas-*slide* u xi bandli oħrajn.

8. Kienet diskussa t-talba tagħna kif ukoll il-karba tal-ġenituri tat-tfal tal-Iskola Primarja tal-Imqabba, f'forma ta' petizzjoni ippreżentata mis-sindku u s-SE lill-Assistent Personali tal-Ministru tal-Edukazzjoni, biex ma ninqatgħux minn mal-Kulleġġ San Benedittu u mmorru kif kien qed jiġi ppjanat mal-Kulleġġ San Injazju. Is-sindku qal li dan it-tibdil fil-kulleġġi mhux se jimmaterjalizza kif tħabbar ukoll fil-*Prize Day* tal-Iskola li nżammet f'Diċembru, 2013.

9. Għall-osservazzjoni li għamel is-sindku fil-każ ta' Triq tas-Sejba li ċediet parti minnha, intqal illi hemm bżonn li jsir *land topographic survey* li għandu jkun rivedut kull tliet xhur biex jara ċ-ċaqlieq tat-triq. Is-sindku qal li dan se jkun qed jiswa €566. Dan kien approvat b'mod unanimu filwaqt li s-SE se jara jekk dan l-ammont hux se jkun *one-off* jew kull tliet xhur. Intant is-Sur Scicluna, sid il-barriera qal li hu kien qed jagħmel il-ġid, mentri is-sindku sostna li l-ilma tax-

xita qed imur f'kantuniera taħt it-triq u b'hekk it-terrapien jisfronda. Michel Farrugia qal li kemm-il darba jinstab li din it-triq terġa' tinżel, dan is-sid għandu jħallas ukoll tas-*survey.* Grace Marie Mallia qablet ukoll li jsir is-survey biex ikollna fuq x'hiex nibbażaw l-argumenti tagħna. Charlene Zammit qalet illi jekk ma nipproċedux, mhux se jkollna każ. Hi sostniet li l-aħjar hu li mmorru *through MEPA*, filwaaqt li Paul Spiteri ssuġġerixxa li għandna nieħdu parir legali. Charlene Zammit sostniet li għandna niddokumentaw kollox f'*survey* inkluż il-katusa b'ritratti ħalli jkollna bażi soda jekk 'il quddiem se nfittxu li dan l-individwu għandu jħallas.

10. Is-sindku qal li nhar is-Sibt, 4 ta' Jannar, 2014, Joe Farrugia 'l-Bażżi' kien imqabbad inaddaf l-istess triq. Hawn Michel Farrugia staqsa jekk din kienetx *direct order* oħra peress li lilu sabuh in-nies u staqsewh jekk dan l-individwu hux qed jaħdem magħna. Is-sindku qal li dan għamel biċċa xogħol sewwa bħal kull biċċa xogħol oħra li tqabbad jagħmel filwaqt li assigura li mhux qed tinqabeż it-*treshold* tad-*direct order* filwaqt li hu kull darba jnaqqaslu mill-istima li jkun tah.

11. B'riferenza għat-tindif, Charlene Zammit qalet illi Triq iż-Żurrieq mhix tiġi mnaddfa. Is-SE qal li l-parti urbana (sad-dwejra l-imwaqqa' hija parti mir-rotta tal-*istreet sweeping contract*) tas-Sur J Zammit filwaqt li l-kumplament, dik rurali, mhix titnaddaf regolarment bħall-kumplament tat-toroq rurali kollha; eż Torri Vinċenti, Valleta l-Qadima eċċ. Hawn is-sindku reġa' għamel referenza għat-tindif li sar b'*direct order* mis-Sur J Farrugia, li propju dawn it-toroq b'dan il-mezz biss jistgħu jitnaddfu.

12. Il-Perit William Lewis bagħat il-pjanti tal-proġett ta' fuq il-ġibjun propju llum. Hawn il-kunsillieri talbu lis-sindku sabiex jingħataw aktar żmien biex ikunu jistgħu jikkunsidrawhom minħabba l-importanza li għandha din il-binja. Is-sindku laqa' t-talba tagħhom u se jkunu diskussi aktar 'il quddiem. Is-sindku informa lill-kunsillieri li għal issa dan il-progett għadu biss fuq il-pjanta u għad baqa' ħafna xogħol xi jsir qabel biss nikkunsidraw li ser jibda. Dan barra is-sostenn finanzjarju.

13. Paul Spiteri qanqal il-każ tal-artiklu *'Local Councils' neglect in uploading minutes'* li deher fil-ħarġa tal-*Illum* tal-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2014 dwar il-minuti *on-line* tal-kunsilli lokali. Hu qal li mhux sew li dehrna f'dell intortament għaliex il-minuti tal-laqgħa ta' Diċembru, kienu approvati ftit tal-minuti ilu, llum 7 ta' Jannar 2014. Is-SE filwaqt li qal li ma jaf b'xejn b'dan l-artiklu, se jwieġeb għal dan kollu formalment.

**Aġenda:**

14. Is-sindku ta ċans lil Maria Zammit kif ukoll lill-Annamaria Farrugia li huma parti mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ sabiex jesprimu ruħhom rigward l-involviment tagħhom fil-laqgħat kif ukoll fl-attivitajiet kulturali kemm bl-idejat kif ukoll bl-i*stands* li jistgħu itellgħu huma stess. Hu staqsa għaliex m'attendewx għal din il-laqgħa l-kumplament tal-membri filwaqt li Maria Zammit u Annamaria Farrugia qalu li dawn l-individwi sfortunatament ma setgħux ikunu magħna llum.

15. B'riferenza għall-attivitajiet tal-Milied, intqal li din is-sena kellna *record* ta' tfal li attendew għall-*party* tal-Milied li joffri l-KLM. Dan kien suċċess u mill-*feedback* li għandna, il-ġugarelli intgħoġbu ferm minn dawn iċ-ċkejknin. Irringrazzjajna formalment lil kull min għen biex dan il-*party* kien suċċess, animaturi, *helpers* eċċ.

16. Konna milqugħa wkoll ferm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mill-*inmates* tal-Imqabba. Is-sindku qal li din il-mawra tagħna darba fis-sena, jkunu qed jistennewha, sabiex jiftħu qalbhom ma' xi ħadd mir-raħal.

18, Kienet diskussa l-bibita li saret konġunta mal-Kappillan fl-Isptar il-Qadim. Is-sindku qal li għaliha attendew diversi rappreżentanti tal-għaqdiet u din turi wkoll is-soledarjetà tagħna ma' dawk li joffru minn ħinhom fix-xogħol volontarju.

19. Kien deċiż illi l-ikla tal-Milied għall-*istaff* u l-kunsillieri se ssir nhar id-19 ta' Jannar, 2014 (*lunch*) fejn magħna ser jingħaqdu diversi voluntieri li taw is-sehem tagħhom fl-attività kulturali tat-13 ta' Ottubru, 2013, u se nagħmlu ċert li ma jinqabżux it-*treshold* tal-infieq stipulat mill-*Financial Regulations.* Charlene Zammit infurmat lill-kunsill li fid-data proposta ser tkun imsiefra. Filfatt hija qalet li ser tkun imsiefra bejn id-19 u s-26 ta' Jannar. Minkejja dan ġie deċiż li l-ikla tal-Milied xorta waħda ssir fid-19 ta' Jannar u l-vici sindku qalet li ma kellha ebda oġġezzjoni.

17. Issotomettejna d-dokumentazzjoni kollha dwar ir-restawr tal-istatwi tal-Mentna kif ukoll dawk tas-*CCTV* li tpoġġew f'Misraħ il-Fidwa kif ukoll fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Id-dokumentazzjoni tal-proġett tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-kunsill ma jistgħux jiġu preżentati bħal issa minkejja li din il-laqgħa kienet *mock session* bl-apparat kollu mqabbad li minkejja kollox ma jistax jiġi kkonnettjat mal-*internet* minħabba li ġejna infurmati bl-*ispeed* baxx u inadekwat tal-*Malta Communications Authority* li hu nstallat ukoll propju f'din il-kamra biex jagħmel tajjeb għall-*internet free wi-fi.*

18. Paul Spiteri staqsa lis-sindku dwar it-*tiles* tal-proġett ta' Misraħ il-Fidwa. Is-sindku qal li minkejja li dan mhux ġej bil-*patterned stenciled concrete*, għad m'għandniex *sample* tat-*tiles* minkejja li dawn jistgħu jiġu magħżula minn fuq it-tender ta' *Elle's Construction Ltd.*

19. Dwar dan il-proġett, is-sindku qal li sfortunatament ma kkwalifikajniex peremzz tal-applikazzjoni tal-GAL Xlokk għaliex dawn riedu l-permess tal-*MEPA*. Din id-*DNO* għadha mhix approvata minħabba li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità talbet diżinni /tibdil lill-perit tagħna mill-ġdid.

20. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 475.

21. F'punti oħra is-sindku ippreżenta programm ta' attivitajiet li se norganizzaw din is-sena 2014. Dawn għandhom jgħaddu lill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura biex jiddaħħlu fil-Kalendarju Kulturali. Grace Marie Mallia ipproponiet li jsir *party* tal-karnival fl-Iskola Primarja. Charlene Zammit issuġġeriet li ssir sfilata u kompetizzjoni għall-isbaħ kostum. Maria Zammit issuġġerit illi jsir *Talent Show* fit-2 ta' Marzu, 2014 bħala il-*Karnival tat-Tfal Imqabbin* li se jinżamm bejn l-10:00 am u nofsinnhar. Il-post preferut hu l-iskola. Il-kunsill qabel ma' din il-proposta u t-talent show fl-iskola primarja nhar il-Hadd 2 ta' Marzu bejn l-10.00am u nofsinhar. Ġie deċiż li dan ikun organizzat mill-kunsill taż-żgħażagħ.

22. Is-Sindku ppropona li fit-3 Marzu, 2014 fis-7:30pm, f'Misraħ il-Fidwa ser isir għall-ewwel darba il-karnival taż-żfin u ż-żewġ każini tal-baned flimkien ma' oħrajn ser ikunu jistgħu jingħataw permess li jbiegħu xi affarijiet tal-ikel waqt il-Karnival taż-żfin. Is-sindku qal li se jieħu ħsieb li jassenja xi skejjel taż-żfin (li ser jieħdu sehem fil-karnival Nazzjonali) f'Misraħ il-Fidwa, fejn hemm il-parkeġġ. Is-sindku qal li nkunu rridu nagħtu *trophy* lil kull grupp, inqabdu *compare*, u nikru sistema ta' *audio* u dawl.

23. Proposta oħra fil-programm tas-sindku kienet dik ta' *pageant* bl-isem *L-Imasallab fi Triqatna* li hu skedat li jinżamm nhar id-9 ta' April, 2014, l-Erbgħa ta' qabel il-Purċissjoni tad-Duluri, minn Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira Għawdxija. Se naraw jekk il-kwotazzjoni li tawna ta' €2,300 hix inkluża l-*VAT* filwaqt li hemm klawsoli ċari ta' x'għandhom ikunu l-ispejjeż kemm-il darba titħassar l-attività.

24. Tliet attivitajiet oħra fil-programm tas-sindku huma l-ħarġiet għal Għawdex nhar il-21 u t-28 Mejju, 2014 kif ukoll nhar is-17 ta' Settembru, 2014. L-ewwel tnejn se jkunu għall-ewwel tmenin ruħ li jibbukkjaw. L-ikel se jkun fl-istabbiliment *Seashells Restaurant.*

25. Paul Spiteri enfasizza illi għandna ninfurmaw l-għaqdiet bil-mawriet u l-attivitajiet tal-kunsill ħalli dawk li se jorganizzaw huma ma jinzertawx ma' dawk tagħna. Is-sindku qal li malli l-kalendarju tal-attivitajiet tal-kunsill ikun lest, se jintbgħat lill-għaqdiet.

26. Grace Marie Mallia talbet sabiex jibdew jingħataw aktar servizzi mill-Berġa tal-Imqabba. Hawn is-sindku ma qabilx u qal illi minkejja li hu favur li jingħata aktar servizzi fil-Kura Primarja, il-faċilitajiet kif inhuma tal-Berġa mhumiex adekwati. Is-SE qal li hu qed jistenna minn mument għall-ieħor li tiġi devoluta fuq il-Kunsilli Lokali, il-Kura Primarja fejn il-faċilitajiet se jkunu qed jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajjeb mill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant se nibqgħu nagħmlu insistenza fuq l-awtoritajiet sabiex jinstabu faċilitajiet aħjar minn dawk li għandna fl-Imqabba.

27. Grace Marie Mallia pproponiet li ssir ħarġa kulturali fix-xahar ta' Frar jew Marzu u li għaliha hija se nkun qed tippreżenta l-quotations tal-ispejjeż.

28. Michel Farrugia talab klarifika dwar it-transport pubbliku wara li issa sfaxxat il-kumpanija *Arriva Malta*. Hu staqsa jekk ir-rotta 74 għadiex *on*. Is-sindku qal li din għadha ippjanata li tgħaddi minn Ħal Farruġ filwaqt li s-SE qal li hemm bżonn titwessa' l-parti d-dejqa li hemm fil-parti tal-Imqabba minħabba periklu ċar mhux biss għall-passiġġieri iżda wkoll għal kulħadd. Michel Farrugia talab li tinqala'/titranġa il-bankina fi Triq il-Kileb, għaliex din tiżloq ħafna. Charlene Zammit qalet li fi Triq il-Barumbara hemm ukoll bankina perikoluża filwaqt li s-sindku qal li dawk ta' Karmenu Ciantar biswit il-*bus stop* ukoll iridu jitranġaw minħabba l-pendil esaġerat li għandhom. Michel Farrugia irrefera għall-gwardjani lokali li qal li qed jesaġeraw fiċ-ċitazzjonijiet li qed joħorġu minħabba tentufiet immaterjali fl-inħawi ta' Triq tas-Sejba u Triq Ħal Farruġ.

29. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-28 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*28/01/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |